Fit-Tribunal tal-Konsumatur

CCT247/15MS

Raymond Micallef

vs

Mirage Holdings Ltd

26 ta' Settembru 2016

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mir-rikorrent fit-30 ta' Dicembru 2015 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondi s-somma ta' hames mija sebgha u hamsin Euro (557.00), prezz ridott ghal xiri ta' magna tal-hasil minghand is-socjeta' intimata, liema magna zviluppatilha diversi hsarat fuq mhedda ta' sentejn, tant li skond ir-rikorrent din il-magna illum mhijiex tajba ghall-uzu li nxtrat.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata ipprezentat fil-11 ta' Jannar 2016 fejn iddikjaraw illi l-allegazzjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li s-socjeta' intimata dejjem qdiet l-obbligazzjonijiet taghha taht il-garanzija. Is-socjeta' intimata wkoll eccepiet illi l-azzjoni tar-rikorrent ghandha tigi michuda peress illi ma kenitx konformi mal-artikolu 79 tal-Kap 378 u li t-talba hija frivola u vessatoria.

Ra l-atti tal-kawza, sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Qabel ma t-Tribunal ighaddi bien jikkunsidra l-mertu, jrid jiddisponi mill-eccezzjoni mqajma mis-socjeta' intimata dwar l-artikolu 79 tal-Kap 378. Dan l-artikolu jghid illi sabiex konsumatur jibbenefika mir-rimedji disponnibli ghalih taht dik il-Parti tal-Ligi, grid jinnotifika lin-negozjant 'ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformita' bil-miktub fiz-zmien xahrejn mid-data li fiha l-konsumatur innota dan in-nuqqas ta' konformita'.

It-Tribunal jirrileva illi dan l-artikolu qieghed a beneficcju tan-negozjant sabiex dan jig mgharraf formalment illi hemm xi haga hazina fl-oggett illi kien mibjugh u sabiex ikollu l-opportunita' jirrimedja u ma jigix mal-ewwel rijinfaccjat b'xi azzjoni quddiem dan it-Tribunal minghajr ma jkollu dik l-opportunita. F'dan il-kaz irrizulta illi l-ewwel darba li l-magna zvillupatilha xi hsarat kien f'Lulu 2013 u ghal perjodu ta' sentejn ta' wara l-magna ittiehdet diversi drabi ghand is-socjeta' intimata ghat-tiswija. L-istess socjeta' tirrikonoxxi dan il-fatt u ggibu bhala ezempju tal-qadi tal-obbligazzjonijiet taghha versu l-klijent. Peress illi kull darba l-magna ingiebet ghand is-socjeta' intimata, din ta' l-ahhar dejjem ghamlet minn kollox sabiex issewwi, dan juri illi bejn il-partijiet kien hemm negozjati ghaddejin bil-hsieb illi l-kwistjoni tirrisolva ruhha. Billi l-ewwel nuqqas ta' konformita' deher fiz-zmien sentejn mix-xiri tal-oggett, allura jigi japlika l-artikolu 78 fejn il-perjodu msemmi fl-istess artikolu jigi sospiz. Meta taqra l-arikolu 78 u 79 flimkien issib illi l-ahhar nuqqas ta' konformita/ ilment sar f'Novembru 2015. Dan ifisser illi r-rikorrent kellu xahrejn sabiex jinnotika lin-negozjant ufficjalment bin-nuqqas ta' konformita. Kif fil-fatt ghamel permezz tal-avviz tat-talba ipprezentat fit-30 ta' Dicembru 2015 - entro it-terminu stipulat.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtara washing machine minghand is-socjeta' intimata fil-25 ta' Awwissu 2011 b'hames snin garanzija li kellhom jiskadu fis-26 ta' Awwissu 2016 (vide Call Report Details 2B). Jidher illi t-teknici marru ghand ir-rikorrent l-ewwel darba fis-26 ta' Lulju 2013, bl-ilment li l-magna kienet led taghmel il-hsejjes waqt li l-magna kienet qed topera. F'dan il-kaz, id-drum gie mibdul. Skond Call Report Detail 4D is-socjeta' intimata regghet marret darb'ohra fit-18 ta' Awwissu 2014 peress illi l-magna kienet qed tiskula l-ilma u din id-darba ukoll rega' inbidel id-drum. Appuntament iehor sar fil-25 ta' Ottubru 2014 (Call Report Detai 5E) fejn l-ilment hula simili ghal dak precedenti u cjoe' li l-magna taghmel il-hsejjes meta tkun qed tahdem. Irrizulta mid-dokument illi s-socjeta' intimata offriet illi ggib part gdid ghall-ammont ta' €130.00 pero' ix-xoghol isir b'xejn. Fit-28 ta' Ottubru 2014, il-part gie mibdul "and tested OK." (ara dokument fuq imsemmi).
Skond il-Call Report Detail 6F, it-teknici regghu marru fit-18 ta' Gunju 2015 u din id-darba ghax il-magna intfiet. Il-hsara giet identifikata, it-timer gie midbul u l-magna "tested OK." Fid-29 ta' Awwissu 2015 sar ilment iehor peress illi l-magna waqqfet (Call Report Details 7G). Din id-darba is-scojeta' intimata dehrilha illi kellha tbiddel il-brushes tal-mutur tal-elettriku. Hekk sar u l-magna kienet qed tahdem. Fit-12 ta' Novembru 2015, it-teknici kellhom jissejhu darb'ohra peress illi l-magna kienet qed taghmel ciklu ta' hasil f'siegha, mentri suppost kellha taghmlu f'saghtejn. Fit-30 ta' Novembru il-job card ighid " Replaced Timer And Display Board OK."

Minn ezami ta' dawn id-dokumenti jidher illi bejn is-26 ta' Lulju 2013 u t-12 ta' Novembru 2015 (f'sentejn u tlett xhur), il-magna kellhom isiru tiswijiet fuqha tmien darbiet. Xi parts inbiddlu aktar minn darba ghall-istess ilment - zgur darbtejn id-drum u darbtejn it-timer. Dan kollu fiz-zmien il-garanzija.

Ikkunsidra

Is-socjeta' intimata qieghda tiggustifika ruhha billi tghid illi kull darba illi gieha ilment, dina rat kif kellha tirrimedja u fil-fatt hekk ghamlet. It-Tribunal pero' jirrileva illi din il-magna kellha aktar minn 'its fair share" ta' ilmenti. Mhuwiex normali illi magna tal-hasil mixtrija gdida jkollha dawn id-difetti kollha fi zmien daqshekk qasir. Mark Laferla jaserixxi illi dawn il-hsarat huma konsegwenza tal-fatt li forsi l-washing machine tintuza ta' spiss u semma' erba' darbiet kuljum, u ukoll l-fatt illi f'Malta il-qtugh tal-elettriku huwa spiss. Fuq dawn iz-zewg asserzjonijiet ma hemm l-ebda prova. Washing machine tinxtara bien tintuza u hu mistenni li almenu ghal zmien il-garanzija dina ttik servizz minghajr ilmenti. Rigward it-tieni, l-esperjenza turi illi d-dawl f'Malta ma jinqatax daqshekk spiss u meta dana jsir m'ghandekx tippretendi illi l-magna tkun qed topera u li dejjem ser ikun hemm hsara fil-magni ghax inkella l-magni tal-hasil kollha ta' Malta jispiccaw bil-hsarat u xejn ma jahdem - haga li zgur mhux il-kaz. Terga' u tghid magna tal-hasil mhuwiex bhal fridge illi dejjem ikun mixghul il-hin kollu. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li din il-magna kienet affetta minn difett serie mill-bidu nett jew ta' kwalita, jew ta manifattura jew it-tnejn flimkien. Kwindi din il-magna ma kenitx tajba ghall-uzu li kienet intenzjonata.

Ir-rikorrent qed jitlob l-ammont ta' €557.00 wara li ha in konsiderazzjoni deprezzament fl-ammont ta' 10 % kull sena. It-Tribunal jaqbel li ghandu jkun hemm tnaqqis ghas-semplici fatt illi minkejja din il-hajja turbulenti ta' din il-magna, tajjeb jew hazin, tat xi servizz. It-Tribunal qieghed jistma l-kumpens dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta' hames mitt Euro (€500.00).

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrent jikkundanna lis-socjeta' konvenuta li tirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' hames mitt Euro ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bi dritt li l-istess socjeta' tiehu lura l-magna tal-hasil in kwistjoni. Bl-ispejjes kontra s-socjeta intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru